**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**MAGISTRAT**
**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**
***B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D.,***
***M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit.***

**Kumpilazzjoni numru: 180/2021**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Melvyn Camilleri)**
**vs**
**Tanko Aoudou**

**Illum 26 ta' Marzu, 2021**

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Tanko Aoudou, detentur ta' karta tal-identita' Maltija bin-numru 69137A.

Akkuzat talli f'Hal-Far u/jew fi bnadi ohra f'Malta, nhar il-25 ta' Marzu, 2021 u fil-granet ta' qabel:

Instab li xjentement kellu fil-pussess tieghu u/jew laqa' ghandu, zamm, kif ukoll kellu b'xi mod x'jaqsam billi ghen jew assista fil-garr, twarrib, habi jew depozt ta' sigaretti bla dazju, fi kwantita' kif deskritt hawn taht, u dan bil-hsieb li jigi ffrodat il-Gvern ta' Malta minn Dazji u t-Taxxa li jkun imiss jithallas fuqhom jew biex tinheles xi projbizzjoni jew limitazzjoni tad-Dwana dwar dawn is-sigaretti:

45 kartuna b'200 sigarett kull kartuna – Business Royals
16-il pakkett b'20 sigarett kull pakkett – Business Royals
2 kartuniet b'200 sigarett kull kartuna – Most Classic
60 pakkett b'20 sigarett kull pakkett – Most Classic

Dawn is-sigaretti, li l-importazzjoni taghhom hija projbita u/jew ristretta u/jew limitata, ghandhom valur ta' €316.68, Dazju tas-Sisa dovut ta' €1,896.69, kif ukoll Dazju ta' Importazzjoni u Taxxa fuq il-Valur Mizjud (VAT) li jammontaw ghal €182.41 u €431.24 rispettivament, fejn liema Dazji u Taxxa ma gewx imhallsa u/jew kawtelati.

Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex fil-kaz ta' htija, barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mill-Ligi, tordna wkoll il-konfiska tal-oggetti kollha esebiti.

Il-Qorti hija finalment gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplati fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-Ufficjal Prosekutur qara u kkonferma bil-gurament l-akkuzi fil-konfront tal-imputat fis-seduta datata 26 ta' Marzu, 2021.

Rat l-atti tal-kawza u d-dokumenti ezebiti u cioe', kunsens tal-Avukat Generali mmarkat bhala Dok MC1; fedina penali mmarkata bhala Dok MC2; person details immarkati bhala Dok MC3; rifjut tal-parir legali mmarkat bhala Dok MC4; stqarrija tal-imputat datata 25 ta' Marzu, 2021 immarkata bhala Dok MC5; okkorrenza mmarkata bhala Dok MC6; kwerela mmarkata bhala Dok CG1; nota ta' qbid immarkata bhala Dok CG2; kwerela mmarkata bhala Dok MB1.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat ghall-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu u kif registrata quddiem din il-Qorti kif preseduta nhar is-26 ta' Marzu, 2021.

Il-Qorti wissiet lill-istess imputat b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u tatu zmien xieraq sabiex jikkonsulta mal-Avukat tieghu u biex jekk irid, jista' jerga' lura minnha u fil-fatt huwa rega' tenna l-istess ammissjoni tieghu.

**Ikkunsidrat:**

Il-Qorti qed tiehu in konsiderazzjoni ghal dak li jirrigwarda l-piena, l-ammissjoni cara u inekwivoka u bikrija tal-imputat.

**Decide:**

Il-Qorti ghalhekk wara li rat l-Artikoli 60(1)(b)(k), 62(f)(g)(h)(i)(k), paragrafu (a) tal-Proviso tal-Artiklu 62, tal-Kapitlu 37 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Artikoli 16(1)(j) u 17(1)(a)(d) u tar-Regolament 7 tat-Taqsima C fis-Sitt Skeda tal-Kapitlu 382 tal-Ligijiet ta' Malta, u l-Artikolu 80 tal-Kapitlu 406 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat **Tanko Aoudou** hati tal-imputazzjonjiet kollha kif dedotti kontra tieghu, u timponi perjodu ta' prigunerija ta' tmintax-il xahar (18) li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qed jigu sospizi ghal perjodu ta' tlett (3) snin mil-lum, kif ukoll ghal multa ta' €6237.30, b'dan li terz ta' dan l-ammont u cioe' €2079.10 ghandhom jitqiesu bhala dejn civili li ghandu jithallas lid-Dipartiment tad-Dwana ai termini tal-Artikolu 62 tal-Kapitlu 37 tal-Ligijiet ta' Malta, u li l-imsemmija multa ghandha jithallsu f'pagamenti mensili ta' €174 sa zmien sitta u tletin (36) xahar mil-lum.

Il-Qorti tordna l-konfiska u d-distruzzjoni tal-oggetti ezebiti formalment parti mill-corpus delicti.

**Dr. Caroline Farrugia Frendo LL.D.**
**Magistrat**

**Nadia Ciappara**
**Deputat Registratur**